Dott. Julia Laffranque LL.D.

Onor. Roberta Metsola

President tal-Parlament Ewropew

(Nomini għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew)

Allée du Printemps, B.P. 1024/F

6070 Strażburgu

FRANZA

ARENDT 01T07260
rue Wiertz/Wiertzstraat 60
1047 Brussell
il-BELĠJU

Tartu, 23 ta' Settembru 2024

Onorevoli President,

B'segwitu għas-sejħa għal nomini ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE tat-30 ta' Awwissu 2024, qed nippreżentalek l-applikazzjoni tiegħi għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew.

Mehmuż issib kopja tal-karta tal-identità Estonjana tiegħi bħala prova taċ-ċittadinanza tiegħi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Niddikjara li ngawdi minn drittijiet ċivili u politiċi sħaħ.

Barra mill-impenn solenni meħtieġ u mill-prova li ngawdi mis-sostenn ta' numru suffiċjenti ta' Membri tal-Parlament Ewropew, qed nehmiżlek ukoll iċ-ċertifikati tal-PhD li ksibt mill-Università ta' Tartu fil-liġi, tal-ħatra tiegħi bħala mħallef tal-Qorti Suprema tal-Estonja, imħallef tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, membru tal-kumitat previst mill-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u Kontrollur ta' garanziji proċedurali għall-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), kif ukoll il-*curriculum vitae* tiegħi. Dawn juru li nissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-eżerċizzju tal-ogħla funzjoni ġudizzjarja f'pajjiżi u li għandi l-kompetenza u l-esperjenza rikonoxxuti sabiex naqdi d-dmirijiet ta' Ombudsman.

Niddikjara li la kont membru ta' gvern nazzjonali, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew u lanqas tal-Kummissjoni Ewropea fil-perjodu ta' sentejn li jippreċedi d-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għan-nomini.

Nibqa' għad-dispożizzjoni tiegħek f'każ li jkollok bżonn informazzjoni ulterjuri.

Dejjem tiegħek,

Julia Laffranque

Dokumenti mehmuża:

- Kopja tal-karta tal-identità tiegħi
- Kopja tad-Diploma ta' PhD *doctor iuris* fix-xjenzi ġuridiċi (liġi) mill-Università ta' Tartu
- Ċertifikat tal-ħatra fil-Qorti Suprema tal-Estonja min-naħa tar-Riigikogu (Parlament tal-Estonja)
- Ċertifikat tal-ħatra fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (elezzjoni mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa)
- Ċertifikat tal-ħatra bħala membru tal-kumitat previst mill-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
- Ċertifikat tal-ħatra bħala Kontrollur ta' garanziji proċedurali għall-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)
- Ċertifikat li jattesta li kont Viċi Direttriċi tal-Akkademja tal-Liġi Ewropea
- Ċertifikat li jattesta li kont professoressa fi ħdan l-Università ta' Tartu
- *Curriculum vitae*
- Impenn solenni
- Nomini minn aktar minn 39 Membru tal-Parlament Ewropew